MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 273/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u ghall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun konsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu;

3. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

4. Tawtorizza lill-attur sabiex jirrisjedi fid-dar taz-zwieg, u cioe' l-fond "Madonna tal-Grazzja" Triq Villabate, Zabbar bl-eskluzjoni tal-konvenuta;

5. Salv ir-raba' talba precendenti tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista wkoll tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data meta l-konvenuta ghandha tkun konsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, billi okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha parafernali tieghu;

7. Tawtorizza lill-attur illi jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

L-eccipjenti ukoll prezentat kawza ghas-separazzjoni, u ghalhekk hija taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u zewgha, pero' ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attur billi kien hu li kisser iz-zwieg minhabba l-vjolenza, l-eccessi u l-ingurji gravi fil-konfront ta' l-esponenti.

Illi ghalhekk it-tielet talba attrici ghandha tigi wkoll michuda.

Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda u d-dar matrimonjali (li nxtrat bi flus l-eccipjenti flok dar ohra taghha parafernali) tinghata lill-eccipjenti biex tabita fiha hija u uliedha.

Illi l-eccipjenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi diviza ugwalment bejn il-kontendenti, salv id-dritt ta' l-eccipjenti ghad-dar matrimonjali kif ga inghad.

Dwar is-sitt talba attrici, l-eccipjenti ma ghandha ebda beni parafernali ta' zewgha, izda huwa hu li zammilha hwejjigha u l-proprjeta' taghha.

Is-seba' talba attrici hija superfluwa.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, u n-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi l-htija tal-firda lill-attur fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq precitat.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-25 ta’ Frar 1995, u f’ dan iz-zwieg il-konvenuta welldet lit-tfal Christine [22 ta’ Frar 1998]], Jake [2003] u Cassey [2005]. Mill-provi jirrizulta pacifiku li dawn it-tfal mhumiex il-wild ta’ l-attur; u filwaqt li Christine twieldet minn missier mhux maghruf, iz-zewgt itfal l-ohra twieldu minn relazzjoni extra-matrimonjali regolarli li l-konvenuta kellha ma’ certu Elton Aquilina, li bdiet fis-sena 2002 u damet sejra sas-sena 2005.[1]

Illi l-inkwiet bejn il-partijiet jsib il-fonti tieghu fil-kondizzjoni medika [impotenza generandi] li l-konvenuta skopriet li kellu l-attur, allura zewgha, li kienet irrendiet difficli li l-partijiet ikollhom it-tfal fiz-zwieg. Dan kien il-bazi tal-inkwiet matrimonjali, li eventwalment ipprecipita u wassal ghas-separazzjoni taghhom meta l-attur skopra li martu kienet qed titrattjeni relazzjoni extra-matrimonjali ma’ l-imsemmi Elton Aquilina. Eventwalment, wara li saru t-testijiet gentici, irrizulta li dawn iz-zewgt itfal mhumiex ulied l-attur.

Minn naha tieghu l-attur jakkuza lil martu li din tradietu matul iz-zwieg; filwaqt li l-konvenuta takkuza lill-attur li hu kien ingannaha meta ma kienx qallha bil-kondizzjoni medika tieghu.

L-inkwiet ipprecipita tant, li fl-24 ta’ Frar 2004 il-konvenuta, tleqet mid-dar matrimonjali bit-tfal taghha, u fuq struzzjonijiet tal-pulizija, marret tghix ghal ftit ta’ zmien fid-dar Merhba Bik; eventwalment hija marret tghix ghand ommha, u sussegwentement wara t-twelid tat-tielet wild taghha, Casey mill-imsemmi Elton Aquilina, hija marret tghix ghal rasha bit-tlett-it tfal taghha.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta takkuza lill-attur li, sa minn zmien l-gherusija, huwa kien pussessiv u kien jghir ghaliha; tant li anke wara z-zwieg, ma kien ihalliha tmur imkien, u tilmenta mill-fatt li dina kienet spiccat toqghod waheda d-dar. Tghid

[1] Vol.2 – Fol.252

ukoll li hi kienet tibza' minn zewgha li biz-zmien beda jsir aggressiv fil-konfront taghha.

Il-konvenuta tispjega li mill-biedunett taz-zwieg hija kienet xtaqet hafna li jkollha t-tfal; izda wara z-zwieg, il-partijiet pprovaw sabiex ikollhom it-tfal, u anke t-tnejn li huma ssottomettew ruhhom ghal nterventi kirurgici, izda minghajr success. Minn naha tieghu l-attur kien oppona s-suggeriment tal-konvenuta li jaddottaw it-tfal, u tghid li hu kien iffissat li jzomm mistur il-fatt li hu ma setghax ikollu tfal, u ma ried lil hadd ikun jaf, ghajr ghal genituri tieghu. Dan il-fatt kien sors ta' hafna nkwiet, u mrar bejn iz-zewg partijiet.

Il-konvenuta tistqarr li, wara li ghaddew circa sentejn miz-zwieg li matulhom il-partijiet kienu pprovaw inutilment sabiex ikollhom it-tfal, kien hemm okkazzjoni, meta hi kienet fil-hanut ta' huha, ragel li hi ma tafux, staqsiha sabiex tmur mieghu. Fl-affidavit taghha tirrakkonta hekk: "Bla ma naf kif, jien mort. Domna biss ghaxar minuti, u sallum lanqas biss naf x' kien jismu. F' mohhi kelli biss li ninqabad tqila. Fil-fatt hekk gara."[2]

Izda dwar dan l-incident, il-konvenuta fix-xhieda taghha tghid: "meta ghidt illi *'bla ma naf'* mort niltaqa' ma' dan ir-ragel, ridt infisser illi bit-tensjoni li kelli dak iz-zmien. Meta ghidt illi *'domna xi ghaxar minuti'* nghid illi dan kien il-hin kollu illi jiena u dan ir-ragel konna fil-kumpanija ta' xulxin, inkluz il-hin illi kellna x' naqsmu flimkien. Ghalkemm fl-affidavit tieghi jiena ghidt illi *'kelli f' mohhi biss li ninqabad tqila'* nghid li dan ma jfissirx illi kelli pjan illi ninqabad tqila minn dan ir-ragel. Jiena u zewgi, dak iz-zmien, konna ilna mizzewgin xi sentejn, u ghalkemm ippruvajna, it-tfal baqghu ma waslux. Ghalhekk jiena ma bsartx illi f' hames minuti ser ninqabad tqila."[3]

Il-konvenuta tallega li "zewgi ried ihalli f' idejja biex nara minn fejn ser ingib it-tfal."[4] u fl-affidavit taghha tghid: "Kien anke jghidli li lanqas jekk immur ma' ragel iehor ma kien

[2] Aff. Vol.1 – Fol.50
[3] Dep.Vol.2 – Fol.251
[4] Dep.Vol.2 – Fol.251

ser jitlaqni. Din qalhieli kemm-il darba u dejjem bis-serjeta'."[5]

Illi rigward it-tluq taghha mid-dar konjugali, il-konvenuta tghid li, matul il-konvivenza matrimonjali, u minhabba l-kondizzjoni li kellu l-attur, dan kien sar aggressiv, "u dejjem bil-glied." Jien tlaqt mid-dar minhabba l-glied u l-vjolenza, u mort Dar Merbha Bik. [Zewgi] kellu pussess fuqi u kont insofri swat u theddid …. Ma mortx lura d-dar ghaliex nibza minn zewgi, mit-theddid illi kien ighdili u kien igib ruhu mieghi bid-dagha u l-kliem hazin."[6]

Illi meta l-konvenuta skopriet li hi kienet harget tqila minn din l-avventura u gharrfet lill-attur bit-tqala, dana "ma qalli xejn u mill-ewwel accetta li [it-tarbija] kienet tieghu. Ghalkemm qatt ma tkellimna car, jien nghid li t-tnejn qbilna f' dak li gara ghax it-tnejn ridna t-tfal.[7] Jiena hassejtu li fehem pero'; kien accetta dak li gara." Izda fid-depozizzjoni taghha tistqarr, fuq domanda "dwar jekk jiena u zewgi qattx iddiskutejna s-sitwazzjoni, u huwa qalli *'mur ma' ragel iehor basta tinqabad tqila'* nghid illi le mhux ezattament. Mhux hekk kien qalli.[8]

Hija ezebit transcripts ta' recordings, minghajr data, li hi kienet hadet waqt litigju bejn il-partijiet, in sostenn tat-tezi taghha li zewgha kien jheddidha u jkellimha hazin.

*Verzjoni Attur*

Illi l-attur jispjega li wara li zzewgu huma provaw sabiex jkollhom it-tfal, izda bla success. Huwa ried hafna li jkollhom it-tfal, u ghalhekk kienu rrikorrew ghall-kura medika. Jghid li l-Konsulent Dottor Arthur Felice, li kien qed jiehu hsieb il-kaz taghhom, ghamlilhom hafna kuragg, u "ma qatalniex qalbna u li maz-zmien tfal kien ser ikollna."[9]

---

[5] Aff. Vol.1 - Fol.50
[6] Dep. Vol.2 – Fol.276
[7] Sottolinear tal-Qorti
[8] Dep.Vol.2 – Fol.251
[9] Dep. Vol.1 – Fol.79

L-attur jghid li meta l-konvenuta kienet harget tqila bit-tifla Christine "jien fraht hafna u l-hajja baqghet ghaddejja normali ghaliex it-tobba kienu qaluli li ghad ikollna t-tfal, u ftit xhur qabel morna go laqgha tat-talb ghand Dr.John u qalilna biex ma naqtghux qalbna ghax il-qawwa t' Alla hija kbira u li zgur ser jahseb fina. Meta harget tqila jien ghidt li dak li qalulna t-tobba kien kollu minnu, u li t-talb li konna tlabna kien semghu Alla."[10]

Illi maz-zmien l-attur beda jinnota li l-kontijiet tat-telefon kienu bdew jigu gholjin hafna. Eventwalment wara investigazzjoni li saret minnu bl-ghajnuna ta' membri tal-familja tieghu, skopra li, matul il-konvivenza matrimonjali, martu kienet f'relazzjoni ma' Elton Aquilina.

L-attur jghid li lil martu u lit-tfal qatt ma hallihom neqsin minn xejn u dejjem ikkuntentahom f' kull haga li xtaqu; izda madankollu "jien spiccajt ingannat ghal tul ta' snin, u ghadni nsofri sallum il-gurnata. Din il-mara kissritli hajti."[11]

*Il-Konsulent Kirurgu Arthur Felice*
Illi l-Kirurgu Felice xehed li huwa kien ra lill-attur bejn wiehed u iehor f' Novembru 1995; u eventwalment ghamel intervent kirurgiku fuqhu. Jghid: "Sakemm jien rajt lil [attur], jigifieri sa gimgha u nofs wara l-operazzjoni, kont nikkonsidera illi l-possibilita' ta' fertilita' tieghu f' dak l-istadju kienet baxxa. Pero' ma kontx qed neskludi illi seta' jaghmel meljorament biz-zmien. Ghalhekk jiena zgur illi ma ghidtx lil [attur] illi qatt ma seta' jkollu tfal; kienet difficli f' dak l-istadju pero' ma eskludejtx."[12]

*Dottor Josie Muscat*
Fix-xhieda tieghu dan jspjega: "Meta jiena ghidt illi b' mod naturali kien kwazi mpossibbli ghall-koppja li jikkoncepixxu, kont qed infisser illi, ladarba kien hemm sperma, seta' koncettwalment ikun hemm tqala, ghax wara kollox sperma wahda ghandek bzonn."[13]

---

[10] Dep. Vol.1 – Fol.80
[11] Aff. Vol.1- Fol.84
[12] Dep.Vol.2 – Fol.282
[13] Dep.Vol.2 – Fol.292

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u li ghal dan tahti biss l-konvenuta meta, wara sentejn miz-zwieg, hija kkommettiet adulterju ma' persuna li ma kinitx tafha, u sussegwentement dahhlet f' relazzjoni stabbli ma' ragel iehor, li damet sejra circa tlett snin, u li frott ta' din ir-relazzjoni twieled tat-tifel Jake;  u dan ad insaputa ta' l-attur li, sas-separazzjoni de facto kien ghadu jemmen li dawn kienu uliedu.

Il-Qorti tikkondividi wkoll il-konkluzjoni tal-perit legali li mhuwiex minnu li l-attur kien jaf b' dak li kienet qeda taghmel martu biex il-partijiet ikollhom it-tfal, jew li kien ippermetta li dan isir.  Il-Qorti temmen li l-attur kien gie ngannat fir-rigward minn martu, li mhux biss kellha avventura erotika ma' terz skonoxxut, imma talli sahansitra wara, dahhlet f' relazzjoni extra-matrimonjali stabbli ma' l-imsemmi Elton Aquilina, u sahansitra kellha wild minnu, u dan matul il-konvivenza matrimonjali.

Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] illi t-tezi tal-konvenuta hija nverosimili; anke tenut kont tal-fatt li hi tallega li kienet tibza' minn zewgha peress li skond hi kien aggressiv fil-konfront taghha, kien pussessiv fuqha u ma kien ihalliha tmur imkien waheda;

[2] illi anki jekk *dato non concesso* l-attur kien ippermetta li martu jkollha x' taqsam ma' rgiel ohra biex tinqabad tqila, zgur li ma ppermettiex, u zgur li ma kienx jehtieg li din tittrattjeni relazzjoni adulteruza fit-tul ma' ragel iehor;

[3] illi fl-okkazzjoni fejn il-konvenuta kienet fil-hanut tal-grocer, u fuq stedina ta' ragel skonoxxut ghaliha, hija marret mieghu u f' temp ta' ghaxar minuti kellha x' taqsam mieghu sesswalment, il-konvenuta stess tammetti li dan ghamlitu mhux bi pjan li jkollha tfal minn dan ir-ragel.  Fi kliemha: "Ghalkemm fl-affidavit tieghi jiena ghidt illi *'kelli f' mohhi biss li ninqabad tqila'* nghid li dan ma jfissirx illi kelli

pjan illi ninqabad tqila minn dan ir-ragel”[14] Id-domanda li timponi ruhha fir-rigward hija:  mela jekk marret ma’ dan ir-ragel mhux bi pjan li jkollha tfal, ghalfejn marret, jekk mhux biex ikollha avventura erotika ta’ ftit minuti, u dan wara biss sentejn miz-zwieg, u meta jidher li ma kienx hemm problemi fizici bejn il-partijiet sabiex jaghmlu l-att sesswali komplet bejniethom ?  Fil-fehema tal-Qorti, il-konvenuta kienet naqset mill-obbligu tal-fedelta’ fiz-zwieg sabiex tissodisfa kappricc taghha.

Jigi osservat ukoll, li anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jinghad li l-attur kien inganna lill-konvenuta meta ma qallhiex bil-kondizzjoni tieghu, din kellha tirrikorri ghar-rimedji legali, u cioe’ titlob l-annullament;  izda la darba ghazlet li tibqa’ fiz-zwieg, ma kinitx gustifikata li tirrikorri ghall-adulterju, u wisq anqas ghall-promiskwita’.

[4] illi b’ konferma ma’ dak osservat fil-paragrafu precedenti, il-konvenuta, ghalkemm diga’ kellha wild fiz-zwieg rizultat ta’ l-imsemmija avventura, ghazlet li fis-sena 2002 tidhol f’ relazzjoni extra-matrimonjali ma’ ragel iehor, ad insaputa ta’ zewgha, li damet tlett snin, u li minnha twieled tifel matul il-konvivenza u wild iehor wara s-separazzjoni de facto.  Dan ikompli jikkonferma l-konkluzjoni ta’ din il-Qorti li r-relazzjonijiet extra-matrimonjali tal-konvenuta kienu kappricci taghha; u saru ad insaputa ta’ zewgha.

[5] illi x-xhieda tal-ispecjalisti, partikolarment tal-Kirurgu Arthur Felice, jaghtu konfort lit-tezi tal-attur li dan kien jemmen li t-tfal huma tieghu, stante li, minkejja l-kondizzjoni tieghu, wara l-operazzjoni, xorta wahda kienet tezizti l-possibilita’ li l-partijiet ikollhom it-tfal bejniethom; multo magis meta r-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet tkomplew minghajr problemi fizici.

[6] illi wara t-twelid tal-ewwel wild, l-attur beda jhoss li r-relazzjoni tieghu ma’ martu, fuq livell emozzjonali, ma kinitx sejra tajjeb, u dan jispjega l-agir konsegwenzjali tieghu meta bdew jidhlulu s-suspetti li martu kellha wicc

[14] Supra

haddiehor. Kien f' dan l-istadju li huwa kien akkuza lil martu, u heddida waqt argumenti shan li kien ikollhom il-partijiet lejn l-ahhar tal-konvivenza.

Dan johrog car mit-transcripts ta' recordings, prezentati mill-konvenuta bi sforz li tipprova ssostni t-tezi taghha li l-attur kien isawwatha u kien aggressiv maghha.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li, ghalkemm it-transcripts mhumiex datati, izda mill-kontenut taghhom jirrizulta car li dawn ittiehdu lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali, tenut kont li hemm referenza ghat-tifel Jake li twieled fis-sena 2003, filwaqt li uhud minnhom ittiehdu wara s-separazzjoni de facto, tenut kont li hemm riferenza ghall-manteniment dovut mill-attur. Huwa sinifikattiv li f' dawn il-konversazzjonijiet huwa jirreferi ghat-tfal bhala uliedu; u ghalhekk, f' dak l-istadju huwa kellu biss suspetti fil-konfront ta' martu; suspetti li eventwalment irrizultaw li kienu fondati ghall-ahhar.

Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenuta li mill-bidunett taz-zwieg l-attur kien aggressiv fil-konfront taghha u kien isawwatha, u ghalhekk hi kienet tibza' minnu, il-Qorti tosserva li dan il-komportament da parti tal-attur ma jirrizultax matul il-konvivenza, u l-konvenuta ma ressqet ebda prova konvincenti fir-rigward; anzi jirrizulta kontraddett mill-provi, ghax il-fatt li matul il-konvivenza l-konvenuta ma bezatx li tittrattjeni relazzjoni extra-matrimonjali ma' terz, jinnewtralizza l-allegazzjoni taghha li hi kienet tibza' minn zewgha u li zewgha ma kien ihalliha tmur imkien waheda.

Inoltre, id-diskors tal-attur fil-konfront ta' martu, u li ssemma fit-transcripts sar lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali, meta kien qed jidher car ghall-attur li martu ma kinitx ghadha thobbu, u ghalkemm huwa censurabbli, huwa konsegwenzjali ghall-komportament ta' martu fil-konfront tieghu, u ma jwassalx ghal prova sodisfacenti li dan il-komportament kien wiehed <u>abitwali u ripetut</u> matul il-konvivenza matrimonjali.

Il-fatt li l-konvenuta hasset li hi kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali kien konsegwenza tal-komportament taghha fil-konfront tal-attur, li wassal sabiex jiggeneraw fih sospetti qawwija li martu kellha wicc haddiehor; liema sospetti rrizultaw li kienu fondati. Inoltre, wara s-separazzjoni de facto hija kompliet bir-relazzjoni taghha ma' Elton Aquilina u fis-sena 2005 twieled it-tielet wild tal-konvenuta.

Minn naha tal-attur, il-Qorti ma tarax li kien hemm atteggjament abbuziv, abitwali u ripetut, tul il-konvivenza li kien il-kagun tat-tkisser taz-zwieg, jew li kkontribwixxa ghall-istess. Huwa minnu li l-konvenuta semmiet okkazzjonijiet ta' vjolenza subita minnha u li ma gewx kontraddetti mill-attur; izda xorta wahda l-Qorti thoss li dawn kienu ncidenti izolati u jidher li sehhew meta r-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet kienet spiccat fuq livell emozzjonali. Di fatti l-konvenuta stess tghid li "indunajt li z-zwieg taghna kien spicca."[15]; dan kien fiz-zmien meta hija bdiet ir-relazzjoni extra-matrimonjali ma' Elton Aquilina.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dan esklussivament minhabba l-adulterju da part tal-konvenuta fit-termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap.16, liema komportament jattira ex lege l-applikazzjoni fil-konfront taghha tal-artikolu 48 fl-intier tieghu; u dan mill-1 ta' Mejju 1997

**Manteniment**

Illi f' dan ir-rigward ukoll il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-perit legali, u cioe' li ma hemm ebda manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta tenut kont tad-dekadenza; u ma hemm ebda manteniment dovut mill-attur ghat-tfal, stante li jirrizulta li dawn mhumiex uliedu; inoltre, taqbel ukoll li m' ghandux ikun hemm rifuzjoni da parti tal-konvenuta tal-flus imhallsin lilha mill-attur skont id-digriet provvizorju tal-Qorti stante li kif osservat il-perit legali

[15] Aff. Vol.1 – fol.51

“minhabba c-cirkostanzi tal-firda, kien difficli ghall-konvenuta illi [din] tibqa’ tghix gewwa d-dar matrimonjali u konsegwentement kienet prattikament kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali, u thallas kera ghall-post tar-residenza taghha.”[16] ghalkemm wara li telqet kompliet bir-relazzjoni extra-konjugali.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
[1] **Id-Dar Matrimonjali** – ‘Madonna tal-Grazzja’ Triq Villabate, Zabbar, stmata mill-perit tekniku fl-ammont ta’ LM50,000 [illum €116,468].

Fir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula, u l-konkluzjoni raggjunta mill-abbli perit legali fir-relazzjoni taghha, fil-pagni 101 sa 1238, u taddottahom fl-intier taghhom.

Il-Qorti tordna li dan il-fond jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-ammont fuq indikat, u fin-nuqqas li jinbigh fiz-zmien indikat, il-fond ghandu jinbigh taht l-awtorita’ tal-Qorti skont il-ligi; u r-rikavat jinqasam kif stabbilit mill-perit legali: [A] il-konvenuta tircevi s-somma ta’ erba’ u ghoxrin elf, sitt mija u ghoxrin ewro [€24,620] kreditu parafernali derivanti mill-bejgh tal-fond ‘Soraya Flats’ Flat-1 Triq id-Durrghajsa, Paola, proprejta’ parafernali taghha; [B] l-attur jircevi s-somma komplessiva ta’ tlieta u tmenin elf, tlett mija sitta u hamsin ewro [€83,356], rapprezentanti €8,000 kreditu fuq il-fond fuq indikat parafernali tal-konvenuta, u €73,371 pagamenti tal-loans maghmula minnu mid-data tad-dekadenza, cioe’ 1 Mejju 1997.

Il-bilanc tar-rikavat rimanenti, jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet.

[2]**Il-Vetturi** – Van Dacia, Kia Mentor, Xarabank AEC, Xarabank Leyland, u Xarabank King Long.

Illi anke f’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzzjonijiet raggjunti

[16] Rapp. Fol.1246

mill-perit legali fir-relazzjoni taghha fil-pagni 107 sa 111; u konformament tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta s-somma ta' LM50 [illum €116.47] fir-rigward tal-van Dacia; li l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur is-somma ta' LM2,759.67 [illum €6,428.30] pagamenti maghmula mill-attur rigward il-vettura Kia Mentor; li l-attur ghandu jirrifondi lill-konvenuta s-somma ta' LM250 [illum €582.34] rigward id-xarabank AEC; li l-konvenuta ma ghandha ebda pretensjoni valida fil-konfront tax-xarabanks Leyland u King Long tenut kont tad-dekadenza taghha mid-data fuq indikata ghalhekk kwanunkwe kumpens li l-Awtorita' tat-Trasport hallset fir-rigward huwa percepibbli biss mill-attur.

[3] **Poloz ta' l-Assikurazzjoni u Kontijiet Bankarji** – Illi anke f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni taghha fil-pagni 111 sa 114, u taddottahom fl-intier taghhom.

[4] **Mobbli** – Illi l-perit legali ma rrelatatx dwar il-mobbli fid-dar konjugali. Fir-rigward il-Qorti tosserva li dak sottomess mill-konvenuta fin-nota[17] taghha jsib gustifikazzjoni fil-provi, u ghalhekk filwaqt li tirreferi ghall-oggetti elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 1817/2004, tiddikjara li l-effetti mobbli ndikati mill-konvenuta fin-nota guramentata taghha, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A][18] huma parafernali tal-konvenuta u ghandhom jigu ritornati lilha. In kwantu ghall-bqija tal-oggetti, dawn ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet skond il-valur rispettiv taghhom kif indikat fl-istess nota.

Illi qed tigi esebita, sabiex tifforma parti ntegrali mill-gudizzju odjern, kopja tal-pagni mill-105 sa 114 tar-relazzjoni peritali [Appendici B][19]

[17] Fol.1259
[18] Vol.1 – Fol.23
[19] Vol.IV – Fols.1237 sa 1246

In fine, rigward il-pretensjoni tal-attur ghad-danni riskontrati minnu, ossa l-arrikkiment indebitu li sar lill-konvenuta meta dina ngannatu bir-rizultat li ghal diversi snin huwa hallas l-ispejjez ghall-ghejxien u bzonnijiet ta’ l-ewwel zewg ulied tal-konvenuta, il-Qorti tosserva li ma saret ebda kontro talba fir-rigward, u din il-pretensjoni saret biss fin-nota risponsiva tieghu; u ghalhekk, il-Qorti qed thalli din il-pretensjoni mpregudikata b’ mod li tista’ titressaq f’ gudizzju separat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenuta;

[2] tilqa’ t-tieni talba;

[3] tilqa’ it-tielet talba;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba limitatament ghal perijodu ta’ sena millum;

[5] tilqa’ il-hames talba billi xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mill-1 ta’ Mejju 1997, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni tal-Akkwisti’;

[6] tilqa’ is-sitt talba u takkorda periodu ta’ xahar sabiex l-attur jirritorna l-oggetti parafernali tal-konvenuta;

[7] tilqa’ s-seba’ talba

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------